# Ħitan

Ħitan imġarrfa ġebla frak fuq oħra
fit-toroq waħx tal-Bosnja u Sarajevo.
Imxettla l-Mewt f'kull bejta li rat darba
mal-ħajr l-imħabba, għeruq sħan u hienja.

Ħitan il-maqsab f'nofs t'għelieqi ħadra
'il bogħod mill-għajn, 'il bogħod mill-għagħa ta' beltna.
Iż-żiffa ħelwa li tul l-għodwa tfuqna
inkisret mid-damdim t'inġenji-mostri.

Ħitan id-deff ġo djarna darba mwennsa
bil-fehma ta' l-azzar, bi lġiem is-sewwa,
jitwaqqgħu ta' kuljum fil-ġenn imżeffen
ta' bliet li jiġbru qlub iż-żgħażagħ fiergħa.

Ħitan il-mewġ, ħitan ix-xtajta mġarrfa
tul l-eqqel xhur xitwin li jġorru kollox! ...
Kif għamilt int, u nsejt aktar minn darba
ħitan il-qalb li sfat f'idejk imġarrba.

***Alfred Degabriele***